MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Numru. 81/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**John Vella bin Joseph u Mary nee' Haber,**
**imwieled fit-2 ta' Gunju, 1958 u residenti fil-fond Mariano,**
**Triq it-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 29758(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Vella li gie akkuzat talli nhar l-04.01.2009 ghal habta ta' 14:00hrs waqt li kien qieghed il-Korsa taz-Zwiemel tax-Xhajma limiti tax-Xewkija, Ghawdex:

1) Hebb minghajr ma darab lil John Cefai miz-Zebbug, Ghawdex;
2) Ingurja u dejjaq lil John Cefai;
3) Kif ukoll volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tahseb ghas-sigurta' tal-vittma;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi jirrizultaw ippruvati peress illi jirrizulta illi John Vella hebb ghal Cefai bi frosta u beda jargumenta mieghu;

Izda dwar it-tieni (2) akkuza din ma tirruzultax minhabba kunflitt ta' provi;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 339(e)(d) u 338(dd), filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza, issibu hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi u tikkundannah ghal ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) fuq kull wahda;

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat taht penali ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fil-konfront ta' John Cefai ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------